# Fuq il-Mewt ta' Manwel Camilleri

(Għereq f'Ħondoq ir-Rummien,
fit-30 ta Ottubru, 1948)

*Inħsadt, inxift, minn ġewwa nqtajt x'ħin smajt*
*Li dik id-dgħajsa li kont fuqha int*
*Għal Għawdex sejjer, għerqet b'ħafna nies,*
*X'ħin kont nissehem f'Għid Ġesù Sultan.*
*Sogħob bija ħafna li ħallejt għad-Dwiem*
*Lil ħbiebek li ħabbejt, għożżejt, weġġaht*
*Daqs ħutek.*

*Tal-Ħniena ġie Dun Ġorġ nhar Għid l-Imwiet...*
*Bħar-riħ ta' Frar tajjarli s-swied il-qalb,*
*Għax 'il fuq tlajt, nebbaħna, fis-smewwiet,*
*Mal-Qaddisin tithenna bil-Ħallieq.*
*Għaddejt lejl sħiħ nitħasseb fuq il-mewt*
*Li ħadet lilek minn fuq wiċċ din l-art,*
*U jiena l-għarqa tiegħek ġibt quddiem*
*Għajnejja.*

*Stħajjiltek q'għed titħabat mal-mewġiet*
*Biex teħles minn qillithom lil xi ruħ,*
*Għax naf li ħajtek 'l għajrek tajt; stħajjilt*
*Li miegħu nizżlek bniedem f'qiegħ l-għammieq.*
*Il-bniedem kulma jiżra' hawn f'din l-art,*
*Dak kollu jaħsad fil-ġejjiena, kif*

*It-Tajjeb ħsadt x'ħin deħert quddiem il-Ħaqq*
*Ta' Dak li Hu Sadiq, Ħanin u Kbir.*
*Kien lejl bla ħolm, u għajn ma' għajn m'għalaqtx,*
*Għax ħsebijiet fuq ħsebijiet għaddew*
*Minn moħħi: Min se' jgħallem dawk it-tfal?*
*U min se' jħabrek bħalek għall-Mużew*
*U min se' jkollu jilgħab fuq ħaddejh*
*Dak it-tbissim u l-ferħ li kellek int?*
*Sthajjiltek qiegħed tgħid b'dawk ix-xofftejn*
*Li minnhom ħareġ wisq tagħlim: "Taqtax*
*Mill-Ħniena t'Alla qalbek, għax xi ħadd*
*Jinstab biex jimla l-beraħ li ħallejt,*
*U d-dmir li jien kont nagħmel ma jeqafx.*
*Jien, hawn, bħur talbi nkebbes lill-Mulej*
*Biex ħajr ixerred fuqkom, u 'l quddiem,*
*Tissieħbu f'qima Lejh mal-Qaddisin*
*Fis-Sema li Hu ħejja għall-bnedmin."*

*Sew kif waqaft tfarraġni b'dan il-kliem,*
*Ħassejt ferħ kbir li qatt ma kont ġarrabt*
*Kemm ilni ħaj f'did-dinja kollha mrar;*
*U rajt għajnejk jinqalbu 'l fuq u jdejk*
*Jingħaqdu t-tnejn flimkien u rajt f'xofftejk*
*It-talb li tressaq bdejt quddiem il-Kbir.*
*Qatt ma nqisuh ta' ins il-ġid u l-ħajr*
*Fil-waqt li magħna f'din id-dinja jgħix*
*Isiefer jew imut ngħarfuh malajr...*
*Għax kemm għal kliemek widen ma tajniex!*
*Iżd'issa ntbaħna, u nwettquh qegħdin.*
*Il-għarqa tiegħek sfat ta' ħafna ġid:*
*Ħolom xi ħadd li se' tħallina hekk żgħir?*
*Għalhekk, ħajjithom biddlu ħafna nies.*
*Qaddis, qaddis int għext, ma jiċħdu ħadd,*
*U triqtek kienja mxejt sat-truf; stmerrejt*
*Lid-dinja, u minn għajn in-nies inħbejt.*
*Għalih, li qiegħed taħt għajnejn kulħadd,*
*Għamilt dak kollu li għalih inħlaqt.*

Żurrieq, 1948. MICHAEL ZARB.

Royal University of Malta